MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Rikors Numru. 145/2005

**Joseph Abdilla bin-numru tal-karta ta' l-identita' 300144(M)**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrent fl-14 ta' Marzu, 2005 fejn talab lil din il-Qorti illi huwa gie notifikat b'dikjarazzjoni ufficjali tal-Kummissarju intimat permezz ta' ittra ufficjali li ggib id-data tat-22 ta' Frar 2005.

Illi permezz ta' din l-ittra ufficjali huwa gie nterpellat ihallas is-somma ta' elf erba' mija seba' u sittin lira Maltin (Lm1467) rapprezentanti t-taxxa ghas-snin 1995 -1986, 1988 -1998.
Illi t-talba tal-Kummissarju intimat hija wahda nfondata kemm fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi:

a. Kull ammont li seta’ kien hemm dovut dejjem thallas
b. It-talba ghal hlas hija preskritta.

liema ragunijiet jigu spjegati waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talbiet tal-Kummissarju intimat bhala infondati u dan skond dawk il-provvedimenti li dan il-Qorti jidhirlha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn wiegeb:

Illi l-ammonti mitluba minghand ir-rikorrent huma fil-fatt dovuti u dan minhabba l-fatt li ghalkemm jidher li r-rikorrent kien qed jeffettwa pagamenti regolarment dawn il-pagamenti fil-fatt ma kienux jammontaw ghall-ammont kollu ta’ taxxi li suppost kellha tithallas minnu kull sena.

Illi inoltre, l-ebda talba ghall-hlas ghall-ebda sena minn dawk li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent m’hija koperta bil-preskrizzjoni. Fil-fatt, l-ammonti mitluba ghas-snin ta’ stima 1985 sa 1992 huma dovuti fid-dawl ta’ l-emendi recenti ghal ligi tat-taxxa. Min nahha l-ohra, l-ammonti mitluba ghas-snin ta’ stima 1993 sa 1998 kienu nhargu stimi originali fuqhom fi Frar ta’ l-1997 u Ottubru ta’ 2004, u ghalhekk fi kwalunkwe kaz ma jistghux jitqiesu li huma preskritti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tar-rikorrenti fejn indika taht liema artikoli kien qed jeccepixxi l-preskrizzjoni fil-konfront tat-talba ta’ l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent huwa ex impjegat tad-Dockyard, illum irtirat. Kellu introjtu mill-paga biss u t-taxxa dejjem kienet tinqata' mill-paga. Jghid li qatt ma rcieva xejn sabiex ihallas hlief l-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2005. Min nahha l-ohra Ludgardo Mercieca ghan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni xehed a fol 24 li kien veru li r-rikorrent kien qed jinqatghalu ammont ta' paga pero' peress li kienet taht is-sistema Paye dejjem kien fadal bilanc favur id-dipartiment. Ighid illi l-kontijiet dejjem intbaghtu. Il-partijiet jaqblu li ma hemm l-ebda prova ta' dan, pero' l-kummissarju intimat qieghed jintavola favur tieghu l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 47(2) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi illi *".... l-azzjoni ghal hlas ta' taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista' tinbeda matul kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tminn snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva."* Dan huwa l-istess artikolu illi r-rikorrent qieghed jinvoka favur tieghu biex icahhad lill-intimat milli jesegwixxi ghas-snin aktar lura minn Frar 1997. A fol 26 il-kummissarju intimat esebixxa prospett illi juri l-ammonti illi gew reklamati minghand ir-rikorrent. Dawn jirrizalu mill-1985 sal-1998.
Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha l-konfort ta' zewg sentenzi ricenti illi taw interpretazzjoni ahharija ghall-artikolu 47(2) fuq imsemmi. L-ewwel wahda hija dik Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana deciza mill-Appell Inferjuri fl-10 ta' Jannar 2007 u aktar recenti Emanuel Zammit vs Kummissarju tat-Taxxi Interni deciza fil-5 ta' Marzu 2007. Fost affarijiet ohra din l-ahhar sentenza ddisponiet *"ghalkemm certament il-Qorti tapprezza li l-ingranagg amministrattiv ta' dipartimenti kbar bhalma hu dak tat-Taxxi Interni mhux dejjem jahdem b'mod imghaggel, min nahha l-ohra hija ferma l-konvinzjoni illi fi stat ta' dritt il-legislazzjoni m'ghandhiex issir biex temporanjament tkopri d-deficenzi li jkunu jezistu...."* Ghal dak li huwa t-terminu l-istess sentenza tghid *"li kieku wiehed jinterpreta bil-mod kif qed jippretendi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni li ma hemmx limitu ta' zmien biex oggezzjoni tigi processata, konna naslu fi stat li l-Kummissarju jista' jdum mitt sena u*

*xorta wahda ma jiddekorrix il-preskrizzjoni. It-terminu ta' tminn snin huwa fatali u fih trid tkun saret it-talba permezz ta' ittra ufficali ghax altrimenti t-tax payer ikun intitolat jissolleva l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni."*

Fuq l-iskorta ta' dan it-taghlim il-Qorti jidhrilha illi f'dan l-istadju r-rikorrent jista' jqajjem success l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni fil-konfront tat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Bhalma gia nghad l-ittra ufficjali ggib id-data 22 ta' Frar 2005. Minkejja li din l-ittra ufficjali ma hijiex esebita pero' ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ezistenza taghha u ghalhekk il-Qorti ser tehodha bhala wahda veritjera u li fuqha hija bazata l-azzjoni tar-rikorrent. Minn dan johrog li l-unika zewg partiti li ghadhom mhumiex preskritti huma dawk tal-*"year of assessment"* 1997 u 1998 li jgibu l-ammont ta' tnejn u hamsin lira Maltin (Lm52) u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm78) rispettivament. Total ta' mija u tletin lira (Lm130).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' r-rikors. Tiddikjara preskritti l-istejjem ghas-snin mill-1995 sal-1996 u tichad it-talba ghal sena ta' stima 1997 u 1998 u konsegwentement tilqa' t-talba tal-Kummissarju intimat ghal dawn l-ahhar sentejn u tikkundanna lir-rikorrent li jhallas lill-istess kummissarju l-ammont ta' mija u tletin lira (Lm130). Spejjez bla taxxi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------